**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 17 ta' Novembru, 2021**

Numru 1

**Rikors Nru. 18/2020**

**Henry Allison**

**vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza taghha tas-7 ta’ Lulju 2021 fejn ordnat is-smigh mill-gdid tal-appell deciz fl-24 ta’ Frar 2021. Dan hu appell tad-Direttur Generali tas-Sigurta Socjali mid-decizjoni tal-Arbitru tas-Sigurta Socjali tat-12 ta’ Gunju 2020.

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Tajjeb li qabel xejn tigi riprodotta id-decizjoni tal-Arbitru tat-12 ta’ Gunju 2020 li tghid hekk:

> Illi dan huwa appell minn decizjoni tad-DSS tat-30 t’April, 2018 li permezz taghha l-appellant gie nfurmat li thallas is-somma zejda ta’ €12,578.44 f’ghajnuna socjali li rcieva bejn is-7 ta’ Mejju, 2016 sal-4 ta’ Mejju, 2018 u dan stante li l-mara tieghu tircievi SDA.

Illi l-appellant ressaq dan l-appell fuq bazi li minn dejjem informa lid-DSS b'dan meta applika ghall-ghajnuna socjali. Fil-fatt fl-applikazzjoni tieghu li imlieha ufficjal tad-DSS stess fl-ufficcju distrettwali. L-appellant qal li dan l-ufficjal kien anki nfurmah li huwa jista' jiehu din l-ghajnuna minkejja li l-mara tiehu l-SDA – minhabba dizabilità severa.
Id-DSS applika d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 102, u cioe talab rifuzjoni biss ghal dawk is-sentejn qabel ma nduna b'dan l-izball imma erronjament beda jnaqqas birrata ta' 10% meta dan l-artikolu jirrikjedi li t-tnaqqis isir bil-5%.
Illi eventwalment fis-16 ta' Ottubru, 2018 it-talba tad-DSS giet ridotta ghal €11,376.47. Id-DSS baqa' jargumenta illi l-appellant ghandu jedd biss ghal dak il-beneficcju li huwa tal-aktar vantagg ghalih u kwindi ma jistax ikun intitolat ghattnejn f'daqqa.
Illi l-fatti ma kinux ikkontestati miz-zewg nahat u kwindi, dan l-appell idur ma' interpretazzjoni legali tal-artikolu 90, jekk japplikax fil-kaz odjern.
Illi l-argument tal-avukat tal-appellant jaghmlu referenza ghal dan l-artikolu u jqisu b'mod dettaljat il-kliem tal-istess artikolu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet datata 1 ta' Lulju, 2019, il-legali tal-appellant jishaq fuq il-fatt illi l-ghajnuna li qed tircievi l-mara tal-appellant mhijiex imsemmija f'dan l-artikolu u lanqas ma hu msemmi f'dan l-artikolu l-kelma 'household'. Jargumenta illi l-ghajnuna ghad-dizabilità severa qed tinghata lill-mara tieghu u mhux lill-household, u dan stante li l-beneficjarja ta' din l-ghajnuna ghad-dizabilità severa hija martu u mhux l-appellant. Din id-dizabilità hija trattata f'zewg artikoli ohra tal-ligi.
Min-naha tieghu d-DSS jiffoka r-risposta tieghu fuq punt li hu estraneju ghad-decizjoni tieghu u l-appell odjern u cioe li ghandu jkun hemm il-kalkolu dwar il-mezzi biex wiehed japplika ghal xi ghajnuna socjali. Dan il-punt ghandu jkun skartat billi d-decizjoni tad-DSS ma kinitx dwar jekk il-familja tal-appellant ghandhiex il-mezzi finanzjarji biex tikkwalifika ghall-ghajnuna socjali imma fuq il-punt li gialadarba lmara tal-appellant ghandha ghajnuna SDA, huwa ma setax jikkwalifika ghaliex SDA huwa beneficcju aktar vantaggjuz.
L-artikolu 90 tal-Kap. 318 jitkellem dwar persuna. Persuna li jkollha dritt ghall-ghajnuna socjali inter alia. Ma titkellimx dwar household. Huwa pacifiku li ghajnuna socjali tinghata lill-individwu u mhux lill-familja, sakemm ma jkunx stabbilit mod iehor. L-applikant f'dan il-kaz mhuwiex l-istess persuna li qed tircievi l-ghajnuna ghad-dizabilità gravi.
L-artikolu 90 jitkellem meta applikant jircievi 2 pensjonijiet, 2 allowances, 2 beneficcji jew zewg ghajnuniet. Wiehed jifhem illi dan l-artikolu japplika meta l-applikant ikun qed jircievi zewg hlasijiet mill-istess klassi, cioe zewg pensjonijiet, zewg allowances, ecc.
Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru jaqbel mal-argumenti mressqa mill-appellant u kwindi l-appell tieghu qed ikun milqugh.

Din il-Qorti ser tipproduci wkoll is-sintesi tal-aggravju tal-appell u tar-risposta kif singolati fis-sentenza li giet imhassra tal-24 ta' Frar 2021 li hi kif gej:

L-Appell

L-appellant jghid li huwa jhoss ruhu aggravat bid-decizjoni tal-Arbitru ghaliex fil-fehma tieghu dan naqas milli jikkonsidra gustament id-difiza li tressqet fl-ewwel istanza mid-Direttur Generali appellant u ghaliex l-Arbitru naqas milli japplika l-ligi skont il-Kap. 318.

Fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellant spjega li l-appellat kien qieghed jircievi l-Ghajnuna Socjali u baqa' jaghmel dan sal-1 ta' Gunju, 2018. Qal li fit-30 ta' April, 2018 huwa baghat ittra lill-appellat fejn infurmah li kien sar hlas zejjed ta' ghajnuna socjali mid-Dipartiment bejn is-7 ta' Mejju, 2016 u l-4 ta' Mejju, 2018, ghaliex il-mezzi fil-gimgha li kienet qieghda tircievi l-familja tar-rikorrent, li jinkludu l-allowance ghal dizabilità severa li kienet tircievi mart ir-rikorrent, kienu jeccedu l-iskala kif stabbilita skont il-Kap. 318. Zied jghid li l-appellat appella minn din id-decizjoni quddiem l-Arbitru, kif kellu dritt jaghmel. Permezz ta' nota tat-3 ta' Ottubru, 2018 l-appellant spjega li kienet qieghda tintalab rifuzjoni ta' ammont li l-appellat kien ircieva fil-perijodu bejn is-7 ta' Mejju, 2016 u l-4 ta' Mejju, 2018 bhala ghajnuna socjali. L-appellant permezz ta' nota tas-16 ta' Ottubru, 2018, spjega li l-appellat kellu dritt ghall-beneficcju li jkun l-aktar vantagguz ghalih jew li jithallas bl-oghla rata, ai termini talartikolu 90 tal-Kap. 318. Permezz tal-istess nota, l-appellant irriduca s-somma li qieghed jitlob ir-rifuzjoni taghha, ghal €11,376.47.

L-appellant qal li l-Arbitru ma kienx korrett meta qal li d-Dipartiment iffoka s-sottomissjonijiet tieghu fuq punt li huwa estraneju ghad-decizjoni li trid tittiehed. Qal li bhala stat ta' fatt huwa ta zewg ragunijiet specifici ghalfejn kien qieghed jitlob ir-rifuzjoni tal-ammont li thallas lill-appellat bhala ghajnuna socjali, u r-raguni moghtija fin-nota tas-16 ta' Ottubru 2018 kienet mahsuba biex tikkumplimenta r-raguni li nghatat fin-nota tat-3 ta' Ottubru, 2018. Zied jghid li r-raguni moghtija fin-nota tat-3 ta' Ottubru, 2018 kienet ir-raguni ewlenija li wasslet lid-Direttur Generali appellant jiehu d-decizjoni li ha. L-appellant qal li peress li l-mara tal-appellat qieghda tircievi l-Ghajnuna ghal Dizabilità Severa, filwaqt li l-appellat kien qieghed jibbenefika mill-ghajnuna socjali, il-mezzi fil-gimgha tal-familja tal-appellat kienu jeccedu l-iskala kif stabbilita skont il-Kap. 318. Id-Direttur Generali appellant qal li l-Arbitru kellu l-obbligu li jistharreg is-sottomissjonijiet kollha maghmula mill-partijiet, u dan ma setax minghajr raguni valida jaqbad u jiskarta r-raguni ewlenija li ressaq lappellant. Zied jghid li ladarba huwa fin-nota tieghu tat-3 ta' Ottubru, 2018 spjega li d-decizjoni tieghu kienet ittiehdet abbazi tal-fatt li l-mezzi fil-gimgha tal-appellant kienu jeccedu l-iskala kif stabbilita fil-Kap. 318, l-Arbitru ma setax arbitrarjament jaqbad u jiskarta din id-difiza billi jikkonkludi li difiza partikolari moghtija minnu, kienet dwar punt li huwa estraneju ghad-decizjoni tieghu, imma kellu l-obbligu li jistharreg din id-difiza tal-appellant u jaghti wkoll decizjoni motivata dwar l-istess difiza. L-appellant zied jghid li min-naha tieghu huwa qatt ma ddikjara li kien qieghed jirtira din id-difiza, anzi pjuttost sostnieha bis-sottomissjonijiet tieghu.

L-appellant qal li mhux il-hsieb tieghu li jissindika d-decizjoni tal-Arbitru fejn din tirrigwarda l-applikazzjoni tal-artikolu 90 tal-Kap. 318 ghall-kaz in dizamina, izda sejjer jaghmel sottomissjonijiet dwar id-difiza tieghu li l-appellat u l-familja tieghu qeghdin jircievu f'Ghajnuna Socjali ammont totali li jeccedi l-iskala kif stabbilita skont il-Kap. 318. Spjega li l-Arbitru

kellu l-obbligu li jasal ghad-decizjoni tieghu wara li japplika n-normi kollha ta' dritt sostantiv li huma applikabbli ghall-kaz odjern. L-appellant ghamel riferiment ghall-artikolu 30 sub-inciz (6) tal-Kap. 318, li jghid:
"Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Ghajnuna Socjali li ghaliha kap ta' familja jkun intitolat ghandha tkun dak l-ammont fil-gimgha li twassal il-mezzi fil-gimgha totali tal-membri kollha tal-familja tieghu li skont dan l-Att la jkunu persuni impjegati u lanqas persuni li jahdmu ghalihom infushom, kalkolati skont it-Taqsima VI tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, sar-rata tal-iskala ta' dik il-familja, kif stabbilit bit-Taqsima I tas-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att."
L-appellant spjega li l-ewwel taqsima tas-Sitt Skeda tal-Kap. 318 tistabbilixxi l-iskala ta' Ghajnuna Socjali applikabbli ghall-familja tal-appellant, u zied jghid li peress li l-familja tal-appellat ghandha hames membri li huma eligibbli ghall-Ghajnuna Socjali, ir-rata ta' skala fil-gimgha li kienet applikabbli ghal din il-familja kienet ta' €134.64 fl-2016, ta' €135.81 fl-2017, u ta' €136.98 fl-2018. L-appellant qal li fil-fatt irrizultalu li kienu dawn l-ammonti li kienet qieghda tircievi din il-familja fis-snin imsemmija, kif jirrizulta mir-records esebiti minnu. L-appellant spjega li in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 30(6) tal-Kap. 318, il-mezzi fil-gimgha tal-familja tal-appellat ma setghux jaqbzu l-imsemmija ammonti fis-snin rispettivi, u ghalhekk l-appellant kien intitolat biss ghad-differenza li kienet tircievi f'ghajnuna socjali l-familja tieghu fil-gimgha, u l-imsemmija ammonti.
L-appellant ghamel riferiment wkoll ghal dak li jipprovdi l-artikolu 2 tat-Taqsima VI tat-Tieni Skeda, dwar kif ghandu jsir il-kalkolu tal-mezzi meta persuna tapplika sabiex tibda tibbenefika mill-Ghajnuna ghall-Mard. Qal li dan l-artikolu jistipula li l-mezzi tal-familja ghandhom jinhadmu bil-mod imsemmi fil-paragrafi 2 sa 5 tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda, b'riferiment partikolari ghall-artikolu 4 tal-istess Skeda, li jelenka liema huma dawk l-ammonti, ghajnuniet, beneficcji u allowances li wiehed m'ghandux jiehu inkonsiderazzjoni meta jigi biex jaghmel il-kalkolu tal-mezzi tal-membri kollha tal-familja. Spjega li l-Assistenza ghal Dizabilità Severa mhijiex wahda minn dawn l-ammonti, ghajnuniet, beneficcji u allowances imsemmija, u ghalhekk din trid tittiehed inkonsiderazzjoni ghall-fini tal-kalkolu tal-mezzi fil-gimgha tal-familja tal-appellat. Qal li gie ppruvat li l-mara tal-appellat, Taryn Allison, kienet qieghda tircievi l-Assistenza ghal Dizabilità Severa fis-snin 2016, 2017 u 2018, fejn fl-2016 kienet qieghda tithallas €100.96 fil-gimgha, fl-2017 kienet qieghda tithallas €102.13 fil-gimgha, filwaqt li fl-2018 kienet qieghda tithallas €103.30 fil-gimgha, u dan skont ir-records ipprezentati mid-Dipartiment. Zied jghid li ladarba gie stabbilit li l-familja Allison kienet qieghda tircievi dawn l-ammonti fil-gimgha, l-appellat kien intitolat biss ghad-differenza f'Ghajnuna Socjali fil-gimgha bejn dawn l-ammonti u r-rata ta' skala massima ta' Ghajnuna Socjali fil-gimgha li l-familja Allison kienet eligibbli ghaliha skont it-Taqsima I tas-Sitt Skeda, jigfieri ta' €134.64 fil-gimgha fis-sena 2016, ta' €135.81 fil-gimgha fis-sena 2017, u ta' €136.98 fil-gimgha fis-sena 2018. Qal li ghalhekk huwa kien korrett meta talab li tigi rifuza s-somma ta' €11,376.47, u ghalhekk l-Arbitru b'applikazzjoni tal-ligi inkwistjoni ghall-kaz odjern, kellu facilment jasal ghallkonkluzjoni li bid-

dhul massimu tal-Ghajnuna Socjali, flimkien ma' dak tal-Assistenza ghal Dizabilità Severa, il-mezzi fil-gimgha tal-familja tal-appellat kienu jeccedu l-iskala kif stabbilita skont il-Kap. 318. L-appellant qal fl-ahhar nett li l-Arbitru kellu l-obbligu li jhares il-ligi u japplikaha f'kull kaz li jigi pprezentat quddiemu. Qal li f'dan il-kaz kien car illi sabiex l-Arbitru wasal ghad-decizjoni tieghu, dan ma applikax il-ligi inkwistjoni kif kien tenut li jaghmel, u b'hekk id-decizjoni moghtija minnu mhijiex gusta.

Ir-Risposta tal-Appell

L-appellat wiegeb li fl-ewwel lok ghandha ssir il-prova li l-appell gie ipprezentat fit-terminu moghti mil-ligi. Qal ukoll li d-decizjoni appellata hija wahda gusta u timmerita kkonferma. L-appellat qal ukoll li f'dan il-kaz il-legizlatur fl-artikolu 90 tal-Kap. 318, kien specifiku dwar tliet ipotesijiet li johorgu cari, u cjoé illi:

"Hlief kif provdut b'mod specifiku jew kif jiftiehem mod iehor f'dan l-Att dwar Ghajnuna Socjali, Pensjoni tal-Età, Allowance ghal Carer u Allowance Mizjuda ghal Carer li tithallas taht dan l-Att, meta persuna jkollha dritt, minkejja dan l-artikolu, ghal zewg pensjonijiet, allowances, beneficcji jew ghajnuna fl-istess waqt hija ma jkollhiex dritt ghalihom it-tnejn, izda jkollha dritt ghal dik il-pensjoni, allowance, beneficcju jew ghajnuna li jkunu l-iktar ta' vantagg jew li jkunu jithallsu b'dik ir-rata li tkun oghla."

L-appellat qal li f'dan il-kaz jirrizulta li martu kienet tircievi pensjoni minhabba dizabilità severa, u dan il-beneficcju la hu age pension, la hu carer's allowance u lanqas mhu increased carer's allowance. Zied jghid li f'dan il-kaz l-appellant qieghed igebbed il-ligi biex ma jaghtix zewg pensjonijiet, u qieghed jipprova jinkludi allowance ghal dizabilità severa, li hija trattata fl-artikolu 106(f) tal-Kap. 318 taht dispozizzjoni ohra tal-ligi li m'ghandhiex x'taqsam maghha. Jghid li l-artikolu 27 tal-istess Att jitkellem fuq persuna li tiehu allowance ta' severe disability u tkun mizzewga, fejn huwa car li dik l-allowance tithallas lill-persuna u mhux ghall-household. Qal li l-ligi titkellem car li f'dan il-kaz il-mara, indipendentement mir-ragel, ghandha dritt ghal severe disability allowance, u li jkun hemm tnaqqis biss jekk it-tnejn li huma jkollhom severe disability, li mhuwiex il-kaz hawnhekk. L-appellat qal ukoll li gudikant mhux marbut li jispecifika kull haga li jiehu inkonsiderazzjoni, sakemm jaghti rraguni ghalfejn ikun wasal ghad-decizjoni tieghu. Qal li f'dan il-kaz kien hemm eccezzjoni legali u l-Arbitru laqaghha, u ghalhekk din l-eccezzjoni tidderimi kull azzjoni.

Il-kwistjoni kif tidher mil-ewwel aggravju hi dwar il-portata tal-artikolu 30(6) tal-Kap. 318. Dan l-artikolu jghid hekk:

> Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Ghajnuna Socjali li ghaliha kap ta' familja jkun intitolat ghandha tkun dak l-ammont fil-gimgha li twassal il-mezzi fil-gimgha totali tal-membri kollha tal-familja tieghu li skont dan l-Att la jkunu persuni impjegati u lanqas persuni li jahdmu ghalihom infushom, kalkolati skont it-Taqsima VI tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, sar-rata tal-iskala ta' dik il-familja, kif stabbilit bl-Ewwel Taqsima tas-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att

Is-Sitt Skeda tal-Att imbaghad hija maqsuma f'diversi taqsimiet, fosthom taqsima bir-rati ta' skala ta' ghajnuna socjali fil-gimgha li tista' tithallas, l-oghla rata ta' pensjoni tal-eta fil-gimgha, u l-oghla rata ta' assistenza ohra li tista' tinghata. L-appellant jghid li l-appellat u l-familja tieghu qeghdin jircievu mid-Dipartiment ghajnuna li teccedi l-iskala kif stabbilita bil-Kap. 318, li fl-2016 kienet ta' €134.64 fil-gimgha, fl-2017 kienet ta' €135.81 fil-gimgha, filwaqt li fl-2018 kienet ta' €136.98 fil-gimgha. L-appellant sahaq li in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 30(6) tal-Kap. 318, il-mezzi fil-gimgha tal-familja tal-appellat ma setghux jaqbzu dawn l-ammonti fis-snin rispettivi, u l-appellat kien intitolat biss ghad-differenza li kien hemm bejn il-mezzi tal-familja fil-gimgha u l-ammonti msemmija.

L-appellant isostni illi la darba mart l-appellat kienet qed tircievi allowance ghal dizabilita severa, din kellha tittiehed in konsiderazzjoni biex tigi aggustata r-rata ta' ghajnuna socjali moghtija lil appellant a bazi tal-artikolu 30(6). L-appellant ghamel referenza ghal dak li tipprovdi t-Tieni Taqsima tal-Iskeda, senjatament ir-raba' paragrafu li jelenka liema huma dawk l-ammonti, ghajnuniet, beneficcji u allowances li wiehed ma ghandux jiehu in konsiderazzjoni meta jigi biex jaghmel il-kalkolu tat-test tal-mezzi. La darba d-dizabilita severa ta' mart l-appellat u l-allowance li tircievi a rigward mhix inkluza, din ghandha tizdied mal-lista ta' ghajnunijet li ghandhom jitnaqqsu sabiex jigi stabbilit l-intitolament ta' familja bhal dik tal-appellat.

Ir-raba' paragrafu tat-Tieni Taqsima tal-Iskeda kien jaqra hekk fiz-zmien rilevanti cioe ghal perjodu li fih intalab ir-rifuzjoni cioe bejn l-2016 u l-2018:

> 4. Fil-kalkolu tad-dhul jew privilegg li huwa, jew jista' jiki, ritevut minn xi membru tal-familja jew li huwa jgawdi, kif hawn qabel imsemmi f'din it-Taqsima ma ghandhomx jitqiesu:
> (a) l-ewwel €95 li johorgu mill-uzu tal-proprjeta;
> (b) kull Ghajnuna Socjali, Ghajnuna dwar il-Lebbra, Ghajnuna dwar it-Tuberkolozi, Ghotja ghal Halib u Ghajnuna ghal Mard li jithallsu taht dan l-Att u kull pensjoni jew pensjonijiet (sew jekk imhallsin taht dan l-Att sew jekk le) sa ammont massimu totali ekwivalenti ghall-ghadd kollu tal-oghla rata tal-Pensjoni Minima Nazzjonali, inkluz l-Allowance Addizzjonali li jithallas skont l-istat Civili ta' min ikun qed jaghmel it-talba kif imsemmi fit-Tnax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att;

(c) kull Allowance Supplimentari, Allowance tat-Tfal, Allowance ghal Min Jiehu Hsieb, Allowance ghal Tifel b'Dizabilita jew Beneficcju tal-Maternitå mhallas taht dan l-Att;
(d) 84.3% tad-dhul nett totali, jew ta' xi paga jew salarju jew ta' xi privilegg, beneficcju jew allowance jew ta' pensjoni zejda li tkun qieghda jew tista' tigi ricevuta minn dak il-membru tal-familja jew li huwa jkun qieghed igawdi, barra mill-kap tal-familja jew mill-konjugi ta' dak il-kap; u ghal dan il-ghan id-dhul nett totali, il-privilegg, il-beneficcju, l-allowance jew il-penjsoni iejda ghandhom jitnaqqsu b'kull hlas ta' taxxa fuq l-income li jsir mill-persuna li tkun skont l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, u l-espressjoni "pensjoni zejda " tfisser kull parti mill-pensjoni li tkun 'il fuq mill-Pensjoni Minima Nazzjonali kif imsemmi fil-paragrafu (b);
(e) kull ammont imsemmi fil-paragrafu 3(b) u (c) tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda;
(f) kull stipendju ricevut minn xi membru tal-familja, li ma jkunx il-kap tal-familja jew il-konjugi ta' dak jew dik il-kap tal-familja fiz-zmien meta jkun qieghed isir kors ta' studji jew istruzzjoni full-time taht skema li tithaddem mill-Gvern ta' Malta, sew jekk din tkun jew ma tkunx tinvolvi perjodi ta' xoghol u ta' studju; u ghal dan il-ghan "stipendju " ma tinkludix xi paga jew rimunerazzjoni ohra li tista' tithallas lill-persuna koncernata matul xi fazi ta' studju li tista' tkun parti minn skema bhal dik; u
(g) l-ewwel €470 li jinkisbu bi qligh minn persuna li taghmel hdim ta' maljar bl-idejn, bizzilla, xoghol tal-ganc u rakkmu gewwa d-dar u li l-manifattura ta' dak l-artigjanat ma tkun tinvolvi ebda process mekkaniku.

Is-subinciz (c) ta' dan il-paragrafu inbidel fl-2020 biex ma ezenzjonijiet jizdied anki kull allowance ghal dizabilita severa u jigi eskluz mill-kalkolu tat-test tal-mezzi.

Jidher ghalhekk illi l-appellant ghandu ragun li jqis li l-Arbitru ma hax kont tal-aggravju tal-appellant dwar dak li ghandu jigi kalkolat dwar il-mezzi biex wiehed japplika ghall-ghajnuna socjali u b'hekk jitqies jekk id-dipartiment kellux dritt jitlob rifuzzjoni ta' ghajnuna socjali moghtija lil appellant.

Wara li l-Qorti ikkunsidrat dan kollu tqis li l-appellant ukoll ghandu ragun fl-ilment tieghu fil-mertu billi l-appellat ma kellux il-jedd ghal parti mill-beneficcju li rceva bejn l-2016 u l-2018 minhabba dak li jipprevedi l-artikolu 30(6) u paragrafu IV tat-Tieni Taqsima tal-iskeda. L-appellat ma ghamel ebda difiza kontra l-ammont mitlub per se izda d-difiza tieghu kienet li l-Arbitru mhux tenut li jispecifika kollox li jkun ha in konsiderazzjoni basta jaghti raguni ghal

konkluzjoni tieghu. Tali argument mhux gustifikat tenut kont li l-aggravju kien jolqot il-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet.

La darba din il-Qorti issib l-aggravju gustifikat ma hemmx ghalfejn tinoltra ruhha fuq dak li jipprovdi l-artikolu 90 tal-Kap. 318 li kif jissottometti l-istess appellant fl-ebda hin ma gie kuntestat jew sar xi aggravju ghal intepretazzjoni tieghu mil-Arbitru. L-appell ma hux dwar dak li jipprovdi l-artikolu 90 izda l-artikolu 30(6) tal-Kap. 318 li ma jitkellimx fuq 'persuna' izda fuq 'kap ta' familja' u illi dan hu l-artikolu rilevanti li ghandu japplika f'dawn ic-cirkostanzi.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tad-Direttur Generali tas-Sigura Socjali u tirrevoka d-decizjoni tal-Arbitru nru. 90/20 tat-12 ta' Gunju 2020 u tikkonferma d-decizjoni tad-Direttur Generali tas-Sigurta Socjali tat-30 ta' April 2018. Bl-ispejjez kontra l-appellat.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur